MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 490/2005

**Golden Harvest MFG Co Limited (C176)**

**Vs**

**Stanley Iles**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob s-somma ta' elf Lira Maltin (LM1000.00) li hija dovuta lilha bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-Ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja u tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta sollevata mill-konvenut fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante lil-ammont pretiz m'humiex dovuti da parti tieghu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' bejgh bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kif allegat fit-talba attrici;

Salv eccezzzjonijiet ulterjuri;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-Atti tal-kawza;

Ra x-xhieda ta' Joe Agius, Sales and Marketing Manager mas-socjeta' attrici fejn spjega kif il-konvenut kien inkarigat bill-bejgh u gbir ta' flus tal-gelati;

Ra lli l-konvenut kellu zewg kontijiet mas-socjeta' attrici wiehed ghal gelati lokali u wiehed ghal gelati ta' barra. Fix-xhieda intqal illi il-konvenut kien jigbor il-flus tax-xoghol mibjugh lill-hwienet zghar. Illi meta kien jigi lura fil-post tax-xoghol il-flus li kien jigbor il-konvenut ma kienux jidhlu lura fl-ufficju. Bi ftehim mall-konvenut, il-konvenut kien responsabbli biex jigbor il-flus jew il-pordott li jkun qed iqassam. Illi qabel ma temm l-impieg tieghu mas-socjeta' attrici kien fadallu differenza tal-ammont mitlub fl-avviz li baqa' ma thallasx lura lis-socjeta' attrici. Ix-xhud qal illi il-konvenut kien qallu li ma riedx ihallas l-ammont dovut;

It-Tribunal jirrilleva lli din il-kawza kienet ghal probabbli cessjoni ghal dawn l-ahhar ghoxrin xahar minhabba possibilita' ta' transazzjoni bi qbil mid-difensuri taz-zewg partijiet. Illi t-transazzjoni qatt ma sehhet u fit-30 ta' April, 2007 l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

It-Tribunal jirrilleva lli l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal minkejja li gie moghti diversi opportunitajiet. Illi t-Tribunal qed jibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-provi migjuba quddiemu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal jidhirlu lli s-socjeta' attrici ippruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf Lira Maltin (LM1000.00)  bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------